**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Numru: 14/2014 MLF**

**Francis u Rita konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Susan Aquilina**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Francis u Rita konjugi Azzopardi fejn talbu lill-konvenuta thallas l-ammont ta' hamest elef hames mija u hamsin Ewro (€5,550) rapprezentanti hsara li kkagunat fil-fond proprjeta tar-rikorrenti waqt li kienet qed twettaq xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond adjacenti u dan kif iccertifikat mill-Perit Carmel Cacopardo.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tal-20 t'April 2009 u 6 t'April 2011 kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Susan Aquilina li eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrenti hija preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;
2. Illi fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti versu l-imsemmija rikorrenti;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta tal-preskrizzjoni ta' sentejn.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet limitatament fuq din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. L-atturi qed jallegaw li l-konvenuta ghamlitilhom hsara fil-fond proprjeta taghhom, waqt li l-konvenuta kienet qed taghmel xoghol ta' rikostruzzjoni fil-fond adjacenti fis-sena 2008.
2. L-atturi baghtu ittra ufficjali lill-konvenuta jinterpellawha sabiex tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni ta' danni fl-20 t'April 2009, liema ittra giet notifikata fis-27 t'April 2009;
3. L-atturi baghtu ittra ufficjali ohra sabiex jinterpellaw lill-konvenuta tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni ta' danni fis-6 t'April 2011, liema ittra giet notifikata fit-12 t'April 2011.
4. Il-proceduri odjerni gew intavolati fis-17 ta' Jannar 2014.

5. Dottor Jesmond Manicaro, l-avukat difensur tal-atturi xehed li f'inkontru li kellu mal-konvenuta fit-12 ta' Settembru 2012, il-konvenuta kienet weghditu li se thallas, u kien ghalhekk li hu ma kienx intavola t-tielet ittra ufficjali biex jinterrompi l-preskrizzjoni.
6. Min-naha l-ohra, fix-xhieda taghha, il-konvenuta cahdet li hi qatt qalet lil Dottor Manicaro li se thallas, u li *"kienu qieghdin jiehdu hsiebha bl-insurance"*[1] – xehdet ukoll li la qaltlu li se thallas u lanqas li mhux se thallas.
7. Fix-xhieda taghha, il-konvenuta qalet li hi m'ghandha thallas xejn lill-atturi.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk:
*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Huwa paciku bejn il-partijiet li l-unici ittri ufficjali li ntbaghtu mill-atturi biex jinterrompu l-preskrizzjoni huma dawk msemmija iktar il-fuq, u cioe wahda fis-sena 2009 u l-ohra fis-sena 2011.[2]

Dak li hu kontestat bejn il-partijiet huwa jekk fl-inkontru li kien hemm bejn Dottor Jesmond Manicaro u l-konvenuta fl-2012, il-konvenuta kinietx ammettiet li se thallas id-debitu pretiz mill-atturi jew le. Il-Qorti tammetti li hasbet fit-tul fuq liema verzjoni hija l-iktar wahda probabbli u verosimili, u waslet ghall-konkluzjoni li mill-provi prodotti, l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-konvenuta ammettiet li se thallas id-debitu pretiz minnhom.

Il-konvenuta xehdet li meta kellimha Dottor Jesmond Manicaro hija qaltlu li *"qed tiehu hsiebha bl-insurance"* u ma kkommettietx ruhha hux se thallas jew le. Hija xehdet ukoll li meta kellimha Dottor Manicaro, hi kienet diga avzat lis-socjeta ta' assigurazzjoni taghha bil-pretensjoni tal-atturi.

---

[1] Ara fol. 26 tal-process.
[2] Ara verbal fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 a fol. 17 tal-process.

Din ix-xhieda tal-konvenuta hija konfermata bix-xhieda ta' Dottor Manicaro stess li jghid li qabel kellem lill-konvenuta, huwa kien diga kellem lis-socjeta tal-assigurazzjoni tal-konvenuta, u li s-surveyors tas-socjeta tal-konvenuta zammew access fuq il-post. Jghid ukoll li peress li l-avukat difensur tas-socjeta tal-assigurazzjoni ma wegbitx email tieghu, kien kellem lill-konvenuta direttament.

F'dan il-kuntest, meta hemm socjeta tal-assigurazzjoni involuta li qed taghmel l-istharrig taghha dwar il-pretensjonijiet tal-atturi, mhux verosimili li l-konvenuta ammettiet li thallas, minghajr ma l-ewwel stenniet il-parir tas-socjeta tal-assigurazzjoni taghha. Kieku ghal grazzja tal-argument biss jigi koncess li l-konvenuta ammettiet li thallas, kienet tkun potenzjalment qed tippregudika l-interessi tas-socjeta tal-assigurazzjoni taghha, u dan seta' jkollu riperkussjoni fuq ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u s-socjeta tal-assigurazzjoni taghha.

Ghalkemm, il-konvenuta ammettiet li qalet lil Dottor Manicaro diskors fis-sens li ma ridietx li jinhargu mandati kontra taghha, dan id-diskors certament ma jammontax ghall-ammissjoni. Certament li hadd ma jiehu pjacir li jkollu mandat kawtelatorju mahrug kontrih, u fil-Qorti jinhargu hafna mandati kawtelatorji izda dan nonostante il-konvenut jikkontesta l-kawza fil-meritu, jekk ma jikkontestax il-hrug tal-mandat kawtelatorju ukoll.

It-talba ta' Dottor Manicaro li l-intimata thallas lill-atturi certament ma tikkwalifikax bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond il-ligi.

Konsegwentement, peress li ghaddew iktar minn sentejn min-notifika tat-tieni ittra ufficjali fit-12 ta' April 2011, sa meta gew intavolati l-proceduri odjerni fis-17 ta' Jannar 2014, l-azzjoni attrici hija preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta u tiddikjara li t-talba tal-atturi hija preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u konsegwentement tordna l-kancellament ta' dawn il-proceduri minn fuq il-lista taghha.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-atturi.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**